MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2008

Numru 72/2005

Vincent Buttigieg

Vs

Qala St. Joseph Football Club

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fill-11 ta` Awwissu 2007 li permezz taghha l-attur ippremetta li:

L-attur hu proprjetarju ta’ fond bin-numri wiehed u sittin (61) u tnejn u sittin (62) fi Pjazza San Giusepp, Qala, Ghawdex. Sas-sena elfejn u tnejn (2002) il-post kien okkupat mill-klabb konvenut.

B’kumpens ghal tali okkupazzjoni l-konvenut fadallu jhallas is-somma ta’ hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000), liema kreditu gie assenjat lill-attur.

Minkejja li ghadda dan iz-zmien kollu l-konvenut baqa’ ma hallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet. Fil-fehma ta’ l-attur id-debitu hu cert, likwidu u dovut u l-klabb m’ghandux eccezzjonijiet x’iressaq ghat-talbiet li sarulu u talab lill-Qorti sabiex tipprocedi ai termini ta’ l-Artikolu 167 tal-Kap. 12.

Talab ghalhekk sabiex din il-Qorti:-

1. Taqta’ u tiddecidi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh fit-termini ta’ l-artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

2. Tiddikjara lill-klabb konvenut debitur fil-konfront ta’ l-attur fl-ammont ta’ hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000).

3. Tikkundanna lill-klabb konvenut sabiex ihallas lill-attur din is-somma flimkien ma’ l-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija b’effett mid-data tal-konsenja lura tal-fond sad-data tal-hlas relattiv.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fit-23 ta’ Novembru 2005 (fol. 10):-

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni ai termini ta’ l- Artikolu 2156(c) tal-Kodici Civili (Kap. 16).

2. Fil-meritu u bla pregudizzju t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-fond qatt ma kien mikri mill-attur lill-Club konvenut u ghalhekk qatt ma kien hemm l-ebda relazzjoni bejn il-kontendenti. Infatti malli l-attur xtara l-fond hawn fuq indikat talab lill-klabb sabiex johrog mill-istess fond u dan hekk ghamel.

Permezz ta’ sentenza parzjali moghtija fl-14 ta’ Dicembru 2007 (fol. 91) il-Qorti filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-klabb konvenut, innominat lill-perit Joseph Ellul Vincenti sabiex *“…..jaghmel stima ta’ kumpens ghall-okkupazzjoni mill-klabb konvenut ghall-perjodu minn Gunju 1997 sa Gunju 2002 (kalkolat b’rati ta’ dak iz-zmien)”*.

Permezz ta’ rapport prezentat fl-14 ta’ Jannar 2008 (fol. 111) il-perit tekniku ghamel stima bhala kumpens ghall-okkupazzjoni tal-klabb tal-futbol San Guzepp, Qala ghall-perjodu ben Gunju 1997 sa Gunju 2002:-

*“(1) Ghall-perjodu Gunju 1997 sa Gunju 2000 bir-rata ta’ tmien liri (Lm8) ghal kull gurnata. Din tammonta is-somma a’ Lm8,768 liema somma hi ibbazata fuq 1096 granet bit-tmien liri kuljum.*

*(2) Ghall-perjodu Gunju 2000 sa Gunju 2002, ir-rata tizdied bl-ghaxra fil-mija fuq dik tas-snin ta’ qabel u ghalhekk ir-rata ta’ kumpens kuljum issa sssir tmin liri punt tminja (Lm8.8) u dan jammonta is-somma ta’ Lm6,424 ibbazata fuq 732 gurnata bir-rata ta’ Lm8.8.*

*Ghaldaqstant is-somma dovuta mill-club tal-football San Gusepp, Qawra bhala kumpens ghall-uzu tal-fondi 61,62 Pjazza San Gusepp, Qawra bhala kumpens ghall-uzu tal-fondi 61,62 Pjazza San Guzepp, Qawra ghall-perjodu Gunju 1997 u Gunju 2002 hi ta’ hmistax-il elf, mija u tnejn u disghin liri Maltin (Lm15,192)”*.
Fis-seduta tad-29 ta’ Frar 2008 (fol. 118) il-klabb konvenut talab li jeskuti lill-perit tekniku. Il-Qorti ffissat terminu ta’ xahar sabiex il-klabb konvenut jipprezenta nota bid-domandi li jrid jaghmel in eskussjoni. Fis-seduta tal-11 ta’ April 2008 (fol. 120) il-klabb konvenut inghata opportunita’ ohra sabiex jipprezenta lista bid-domandi u l-kawza giet differita ghas-seduta tal-11 ta’ Lulju 2008. Madankollu ghal darb’ohra l-klabb konvenut baqa’ inadempjenti u ma pprezentax il-lista bid-domandi skond l-ordni moghtija mill-Qorti u fis-seduta tal-11 ta’ Lulju 2008 hadd ma deher in rapprezentanza tal-klabb konvenut. F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ddiferit il-kawza ghal-lum ghal ghoti ta’ sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. M’huwiex kontestat li l-fond wiehed u sittin (61) u tnejn u sittin (62), Pjazza San Gussepp, Qala Ghawdex kien qieghed jintuza bhala klabb tal-futbol mill-klabb konvenut. Dan il-fond hu kbir (ara wkoll skizz imhejji mill-pjanta tal-perit tekniku 115-117) u tista’ tghid jinsab fic-

centru tal-Qala. Il-perit tekniku rrelata: *"Il-fond jinsab fil-pjazza principali tal-Qala proprju quddiem il-knisja parrokjali tal-Qala u f'area iffrekwentata tajjeb mit-turisti."* (fol. 113).

2. Hu fatt li minhabba li l-klabb konvenut baqa' m'eskutix lill-perit tekniku, fl-atti m'hemm l-ebda kritika ghal dak li rrelata l-perit tekniku. Bhal kull prova rapport ta' perit tekniku hu kontrollabbli mill-gudikant u Qorti m'ghandha l-ebda obbligu li taddotta l-fehma espressa mill-perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha. Hu maghruf ukoll li fi kwistjonijiet ta' natura teknika Qorti m'ghandix facilment tiskarta l-opinjoni espressa minnu. F'cirkostanzi simili sabiex tiskarta tali fehema, *"Il-konvizjoni kuntrarja taghha ghandha tkun "informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika."* (ara per ezempju sentenza fl-ismijiet **Mark Farrugia et vs Michael Arthur Williams et nomine** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2005).

3. Mehud in konsiderazzjoni tal-parir tekniku moghti, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li ghandha tiskartah. Inoltre, jidher ukoll li l-ammont likwidat hu vicin ferm tal-hlas li kien ftehem l-awtur tal-atturi dwar hlas ta' kera[1]. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qort tqies li ghandha taddotta l-fehma espressa mill-perit tekniku fl-intier, ovvjament sa l-ammont li qieghed jippretendi l-attur li hu ta' erbgha u tletin elf disgha mija u erbghin euro u sittin centezmu (€34,940.60).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba in kwantu l-klabb konvenut inghata l-jedd li jiddefendi ruhu.
2. Tiddikajra li l-klabb konvenut hu debitur tal-attur fl-ammont ta' erbgha u tletin elf disgha mija u erbghin euro u sittin centezmu (€34,940.60).

[1] Ara xhieda ta' Raymond Mifsud (fol. 32).

3. Tikkundanna lill-klabb konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ erbgha u tletin elf disgha mija u erbghin euro u sittin centezmu (€m34,940.60), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali prezentata fl-4 ta’ Marzu 2005.

Spejjez tal-kawza (inkluzi tal-perit tekniku) huma a karigu tal-klabb konvenut b’dan li l-ispejjez tas-sentenza parzjali jibqghu skond kif gie dikjarat f’dik is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------